**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Christopher Sammut, detentura tal-Karta ta' l-identita` Nru 538772(M)**

***Kumpilazzjoni Nru. 92/2017***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Christopher Sammut u ċioè talli:

**F'xi hin bejn l-01 ta Frar 2013 u l-04 ta Frar 2013 minn gewwa l-Malta Institute of Management, Triq Birbal, Hal-Balzan:**

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont ta hames mija u sittax-il euro (€516), liema serq hu kwalifikat bil-hin, mezz u bil- valur li ma jeccediex l-ammont ta elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta Ewro (2329.37c Ewro), ghad-detriment ta' Omar Vella u/jew persuna/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli f'xi hin bejn it-08 ta Marzu 2013 u l-11 ta Marzu 2013 minn gewwa l-iskola Stella Maris, Triq San Frangisk, Hal-Balzan:**

2. Ikkometta serq ta flus kontanti ta' ammont ta cirka elf u seba mitt euro (€1700) liema serq hu kwalifikat bil-hin, mezz, u bil-valur li jeccediex l-ammont ta elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta Ewro (2329.37c Ewro), ghad-detriment ta' Amelia Calleja u/jew persuna/i ohra u/jew l-Iskola Stella Maris u/jew entitajiet ohra;

**Nakkuzah ukoll talli f'xi hin bejn it-13 ta Marzu 2013 u l-14 ta Marzu 2013 minn gewwa l-bar tal-Lija Football Ground, Triq Robert Mifsud Bonnici, Hal-Lija:**

3. ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont ta hamsa u ghoxrin euro (€25), liema serq hu kwalifikat bil-hin u bil-mezz, ghad-detriment ta' Lawrence Borg u/jew persuna/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli f'xi hin bejn it-03 ta April 2013 u l-04 ta April 2013 minn gewwa l-Malta University residence, Triq Robert Mifsud Bonnici, Hal-Lija:**

4. ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont ta hames mitt euro (€500), liema serq hu kwalifikat bil-hin, mezz u bil- valur li ma jeccediex l- ammont ta elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta Ewro (2329.37c Ewro), ghad-detriment ta' Larkin Ray Pirotta u/jew persuna/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli fix-xahar ta April 2013 u fix-xhur ta qabel f'dawn il-gzejjer:**

5. Kiser il-provediment ta` l-artikolu 07 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata 11 ta' Gunju 2012 mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;
6. Kiser il-provediment ta` l-artikolu 07 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata 21 ta' Marzu 2012 mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

**Nakkuzah ukoll talli f'xi hin bejn it-08 ta Lulju 2016 u tad-09 ta Lulju 2016 minn gewwa Tower Supermarket car park, Triq il-Kbira, tas-Sliema:**

7. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-hin, mezz u valur, liema ammont kien jeccedi l- ammont ta elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta Ewro (2329.37c Ewro), ghad-dannu ta Steve Holland u/jew ta' xi persuna/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli f'xi hin bejn id-09:15 ta filghaxija u l-10:00 ta filghaxija tal-11 ta Lulju 2016 minn gewwa s-Sundown Court, Triq ir-Russett, San Gwann:**

8. ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont ta tletin euro (€30), liema serq hu kwalifikat bil-hin u bil-mezz ghad-detriment ta' James Briffa u/jew persuna/i ohra;

**U aktar talli:**

9. Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittivi u ma tistghax tigi mibdula

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi peress li baqaw ma gewx esebiti s-sentenzi tal-11 ta' Gunju, 2012 u dik tal-21 ta' Marzu, 2012, din il-Qorti ma setghetx tittratta mal-akkuzat skond id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali voluminuza tieghu w tac-cirkostanzi tal-kaz. Ma setghax jonqos li l-Qorti taghti attenzjoni partikolari ghall-fatt li ghall-ewwel darba f'aktar minn 20 sena, l-imputat wera rieda li jeghleb il-vizzju tad-droga li kien qed ikun il-kawza ghar-reati mwettqa minnhu u dan sabiex ikompli jiffinanzja l-istess vizzju li kien hakkmu. Ikkunsidrat li l-imputat gja qieghed f'programm residenzjali.

Certament f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja mhix idoneja ghax ma sservi ghal xejn ghajr li thott dak kollu li nbena f'dawn l-ahhar tmien xhur mindu beda l-programm imsemmi. Dak li hu mehtieg issa huwa li l-imputat ikompli jinghata l-ghajnuna kollha neccessarja biex ikompli bl-andament tant posittiv tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278, 279(a), 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex ikompli jingahta l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb darba ghall-dejjem il-vizzju tad-droga u dan billi jkompli bi programm residenzjali.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**